MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 109/2012

**JAC Steel Limited
[C-46665]**

**vs**

**Josef GRIMA
[ID. Nru. 506583M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-13 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf u wiehed u tmenin euro [€1,081] u dan wara li ppremettiet hekk:

"It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf u wiehed u tmenin ewro [€1,081] rappresentanti din is-somma prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficjali pprezentata f'Awwissu, 2011 (Dok A) u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-17 ta' Settembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-17 ta' Settembru, 2012 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf u wiehed u tmenin euro [€1,081], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------